**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Mejju 2001**

**Rikors Nru: 12A/97**

**Richard u Cecilia Galea**

**Vs**

**Joseph Grech**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti li qal li:

Cecilia Galea tikrim minghand l-intimat l-ispizerija maghrufa bhala "Santa Teresa", 207/208, Main Street, Birkirkara bil-kera ta' Lm1 kull jum, jithallas kull tlett xhur bil-quddiem.

Rcevew l-annessa ittra ufficjali bid-data tas-6 ta' Awissu 1997 li biha l-intimat talab illi l-kera jigi awmentat ghal zewg liri kull jum, u li jithallsu Lm400 ghal kull twellija (Dok. A).

Huma jridu jikkontestaw dawn il-kondizzjonijiet godda, billi mhux gustifikati.

Ghaldaqstant umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jichad it-talbiet kontenuti fl-imsemmija ittra ufficjali Dok. A.  Bl-ispejjes.

Ra r-risposta ta’ l-intimat li qal li;

1.  Fl-ewwel lok l-atti m' humiex sanati peress illi l-intimati kollha m' humiex indikati.

2.  Li minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kontenut tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Awissu 1997 ghandha tigi akkordata fis-sens illi l-awment fil-kera huwa giustifikat.

Ra d-digriet tieghu tat-3 ta' Dicembru 1997 li bih gew nominati periti teknici l-AIC John Sciberras u l-AIC Frederick Valentino.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Billi mir-rapport tal-periti jirrizulta li l-kera ta' llum jaqbez l-erbghin fil-mija fuq il-kera xieraq li bih kien mikri jew seta jinkera l-fond, jilqa' t-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra l-intimat.  Ir-rapport tal-periti jaghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Dep.Reg                                        Magistrat